MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 743/2001/1

**Avviz numru 743/01DM**

**Marlene Cardona u Anna Demanuele**

**Vs**

**Joe Mills f'ismu u ghan-nom tal-assenti ohtu Nona Borg, Jane Pace u Pauline Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu li din il-Qorti tordna il-qsim u divizjoni, u tassenja fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet kontendenti, oggetti mobbli konsistenti f'deheb li gew stmati li ghandhom valur ta' madwar elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) provenjenti mill-wirt tad-defunta Rose Mills, li taghha l-partijiet kontendenti huma ilkoll

werrieta kif ukoll legatarji, kif jirrizulta mill-anness mall-avviz testment, okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 29 ta’ Mejju 2001, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joe Mills, f’ismu u ghan-nom ta’ l-assenti ohtu Nona Borg, Jane Pace u Pauline Attard fejn eccipew illi:

1 Fl-ewwel lok, in linea preliminari, dina l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi, in vista tal-fatt illi l-valur ta’ l-oggetti in kwistjoni huwa ta’ mhux aktar minn Lm1389.40, skond ma jidher mill-valutazzjoni relattiva li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok JM1, u ghalhekk huwa t-Tribunal ghat-Talbiet Zghar li huwa kompetenti sabiex jisma’ l-istess kawza;
2 Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti jirrilevaw illi huma kienu ben disposti illi jersqu ghad-divizjoni ta' l-oggetti in kwistjoni, tant illi ottjenew il-valutazzjoni relattiva ga’esebita bhala Dok JM1, u ghalhekk, filwaqt illi ghal kull buon fini jergghu jiddikjaraw illi huma ma jopponux id-divizjoni skond il-Ligi, jeccepixxu bir-rispett illi huma ma ghandhomx isoffru l-ispejjez tal-prezenti preceduri.
3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Frar 2003 fejn il-konvenuti irrinunzjaw ghall-ewwel eccezzjoni minnhom sollevata u ghalhekk ma tiehux aktar konjizzjoni taghha.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi, ghalkemm it-talba attrici tirrigwarda l-ordni tal-Qorti biex issir il-qasma f'sitt (6) kwoti egwali tal-oggetti tad-deheb u hagar prezjuz imholli mill-mejta, Rose Mills, bhala prelegat lis-sitt (6) kontendenti, l-kontestazzjoni principali ma tirrigwardax tali qasma izda tirrigwarda biss il-konsistenza ta' dawn l-oggetti fomanti parti l-istess prelegat.

Infatti mill-provi jirrizulta illi ebda wiehed mill-konvenuti ma kien b'xi mod oggezzjona li ssir tali qasma; anzi jirrizulta li effettivament kienet l-istess attrici Marlene Cardona, illi kienet ikkundizzjonat il-kunsens taghha ghal tali qasma ghal indagini ulterjuri dwar il-konsistenza vera tal-oggetti imhollija bhala prelegat. Infatti hija tikkontendi illi ghandu jkun hemm iktar oggetti ghall-qasma oltre dawk indikati fil-lista esibita mill-konvenuti bhala dokument JM1 (a fol 9 u 10 tal-process).

Ghalhekk qabel ma l-Qorti tista tidhol biex tikkunsidra l-mertu ta' din il-kawza u jekk ghandiex tigi ordnata d-divizjoni tal-isemmija oggetti, hija trid qabel xejn tiddetermina u tidentifika l-istess oggetti kollha tad-deheb u ta' hagar prezjuz illi gew imhollija bhala prelegat. Infatti l-provi kollha prodotti mill-kontendenti effettivament jirrigwardaw din il-kwistjoni dwar il-konsistenza ta' dawn l-oggetti.

Evidentement id-data rilevanti sabiex jigi ddeterminat x'kienu l-oggetti formanti parti l-prelegat imholli lill-kontendenti minn ommhom, Rose Mills, bit-tieni (2) Artikolu tat-testment taghha tat-12 ta' Gunju tal-1980 (Atti Nutar Carmel Mangion), hija d-data tal-mewt tal-istess Rose Mills, li skond id-deposizzjoni tal-istess attrici Marlene Cardona, tirrisali ghall-ahhar tas-sena 2000.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-oggetti kollha elenkati fil-lista (dokument JM1 a fol 9 u 10 tal-process) huma l-oggetti illi gew ipprezentati lill-kontendenti mill-konvenut, Joe Mills, bhala l-oggetti kollha illi kienu ghadhom fil-pussess ta' Rose Mills fil-gurnata tal-mewt taghha.

Dak li ssostni l-attrici, Marlene Cardona, huwa illi, oltre dawn l-oggetti pprezentati, kien hemm oggetti ohra tad-deheb, bhal ma huma erba' u tletin (34) brazzulletta, u xi oggetti ohrajn li hi tikkontendi li kienu fil-pussess u/jew fil-proprjeta ta' Rose Mills li izda ma gewx inkluzi fil-lista tal-oggetti li John Mills ipprezenta ghal qsim.

Ghalhekk jispetta esklusivament lill-atturi illi jipprovaw illi effettivament jezistu oggettu ohra tad-deheb u hagar prezzjuz oltre dawk elenkati fil-lista dokument JM1.

Inoltre jridu jippruvaw ukoll l-atturi illi dawn l-oggetti kienu ghadhom fil-proprjeta' ta' Rose Mills dak in-nhar tal-mewt taghha.

Apparti li l-attrici Anna Demanuele ma gabet ebda provi u lanqas ma offriet id-deposizzjoni taghha, Marlene Cardona tallega nuqqasijiet fuq informazzjoni li setghet giet moghtija lilha mill-attrici l-ohra, u bbazat l-allegazzjoni taghha esklusivament fuq kongetturi u possibilitajiet.

Ghalhekk meta wiehed jikkonsidra wkoll illi l-konvenuti kollha kif ukoll anke l-attrici Anna Demanuele, ma jikkontestawx il-lista esibita (dokument JM1) u kienu wkoll pronti illi jghaddu ghal qasma tal-istess oggetti, jirrizulta illi d-deposizzjoni ta' Marlene Cardona u l-kkongetturi hemm kontenuti ma jservux bhala prova sufficjenti biex jindikaw li din il-konsistenza tal-oggetti tad-deheb in divizjoni setghet kienet iktar minn dik li tirrizulta mill-istima msemmija.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara illi l-oggetti kollha tad-deheb u hagar prezjuz formanti l-prelegat imholli mit-testatrici, Rose Mills bit-tieni (2) Artikolu tat-testment taghha tat-12 ta' Gunju tal-1980 huma dawk elenkati fl-istima ta' Victor Azzopardi (a fol 9 u 10 tal-process).

Izda ghal dak li jirrigwarda t-talba tal-atturi sabiex din il-Qorti tordna l-qasma tal-istess oggetti bejn il-kontendenti, il-Qorti ssib illi din it-talba saret intempestivament peress illi l-istess testatrici kienet iddikjarat illi parti mill-oggetti mhollija minnha bhala prelegat ma kienux ta proprjeta'

esklusiva jew parafernali taghha, u ghalhekk biex tista jsir divizzjoni bejn il-prelegatarji eredi, huma jkunu jridu qabel xejn jakkwistaw minn ghand il-proprjetarju jew proprjetarji ohra dawk l-oggetti kollha illi ma kienux fil-proprjeta u ghad-disposizzjoni tat-testatrici.

L-istess testatrici kienet iddikjarat illi parti minn dawn l-oggetti kienu proprjeta tal-komunjoni tal-akkkwisti gia ezistenti bejnha u zewgha John Mills, u mill-provi prodotti ma jirrizultax illi s-superstiti John Mills kien irrinunzja ghal jew ittrasferrixxa lill-eredi ta’ Rose Mills is-sehem tieghu minn l-oggetti proprjeta’ tieghu illi jistghu jinsabu elenkati fil-lista ghad-divizjoni.

Ghaldaqstant l-Qorti filwaqt illi tiddikjara illi l-oggetti formanti parti l-prelegat imsemmi fl-Artikolu 2 (tnejn) tat-testment precitat ta’ Rose Mills, jikkonsistu f’ dawk l-oggetti elenkati fil-lista esibita (a fol 9 tal-process) qeghda tiddikjara illi t-talba ghal qasma hija intempestiva u ghaldaqstant qeghda tichad l-istess talba.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici Marlene Cardona, anke tenut kont tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici Anna Demanuele.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------